

Brussell, 18 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15045/1/19
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0186(APP)

FIN 806
CADREFIN 418
RESPR 61
PREP-BXT 176

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11921/19 - COM(2019) 461 final
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni – <i>Adozzjoni</i>

1. Fis-6 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
2. Il-proposta ġiet eżaminata fil-livell ta' grupp ta' ħidma matul diversi laqgħat f'Settembru 2019. It-test li jirriżulta minn dak l-eżami u ffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti jinsab fid-dokument 12412/1/19 REV1.

3. F'konformità mal-Artikolu 352(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jista' jadotta r-Regolament billi jaġixxi unanimament u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Fid-9 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-abbozz ta' Regolament, liema approvazzjoni ngħatat mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Ottubru 2019.
5. Billi l-approvazzjoni ngħatat, ir-Regolament propost issa jista' jiġi adottat mill-Kunsill sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u l-finanzjament tal-baġit fl-2020.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:
 - jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, kif jinsab fid-dokument 12412/1/19 REV 1 bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit; u
 - idaħħal fil-minuti tiegħu ż-żewġ dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Anness.

DIKJARAZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIDDAĦĦLU FIL-MINUTI TAL-KUNSILL

1. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u Spanja dwar ir-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

"Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u Spanja jissottolinjaw li, fin-nuqqas ta' ftehim dwar il-ħruġ, l-Artikolu 4 u, b'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji ma jibqax japplika mid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, u b'hekk iġġib fi tmiem ir-ribass tar-Renju Unit u r-ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit. Dment li r-Renju Unit jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE kif previst fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Istati Membri msemija qabel jaċċettaw soluzzjoni speċifika relatata mar-ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit. Dan l-arranġament prattiku għall-baġit tal-UE għall-2020 huwa strettament kondizzjonali fuq il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit skont dak ir-Regolament u m'għandux jikkostitwixxi preċedent għall-QFP futur 2021-2027."

2. **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar ir-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ("ir-Regolament tal-Kunsill")**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li l-ħlasijiet li ser jagħmel ir-Renju Unit taħt ir-Regolament tal-Kunsill, inkluż l-ammont speċifiku msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3), għandhom jitqiesu bis-sħiħ għal negozjati futuri meta jiġu kkalkulati l-obbligi pendenti li jirriżultaw mis-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni."
